II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1374

tat-12 ta' April 2021

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali għall-operaturi tan-negozju fl-ikel.

(2) It-tames huwa kumpless ta' enzimi li jintużaw għall-produzzjoni ta' ċerti ġobnijiet. Dan jinġabar mill-istonkijiet tal-friegħ tar-ruminanti. Abbażi tal-esperjenza miksuba mill-operaturi tan-negozju fl-ikel, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-iġjene fuq l-istonkijiet għall-produzzjoni tat-tames, stipulati fil-punt 18(a) tal-Kapitolu IV tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jenħtieġ li jiġu emendati sabiex isir l-aħjar użu mill-ġbir tat-tames minn nagħaġ u minn mogħoż ta' età żgħira. B'mod partikolari, huwa xieraq li tali stonkijiet jitħallew jitilqu mill-biċċerija mingħajr ma jitbattlu jew jitnaddfu.

(3) L-iżviluppi teknoloġiċi rriżultaw f'domanda biex l-irjus u s-saqajn tal-ungulati domestiċi jitħallew jinstelħu jew jinstamtu u jitneħħilhom ix-xagħar barra l-biċċerija fi stabbilimenti approvati speċjalizzati għall-ipproċessar ulterjuri tal-ikel. Għalhekk, bħala konsegwenza prattika, jenħtieġ li l-irjus u s-saqajn tal-ungulati domestiċi jitħallew jiġu ttrasportati lejn dawn l-istabbilimenti f'ċerti kundizzjonijiet li jiżguraw is-sikurezza alimentari. Għalhekk, jenħtieġ li l-punt 18(c) tal-Kapitolu IV tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġi emendat.

(4) F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 ([2]), il-veterinarju uffiċjali jista' jwettaq spezzjoni *ante-mortem* barra mill-biċċerija fil-każ ta' qtil b'emerġenza ta' ungulati domestiċi. Il-punt 2 tal-Kapitolu VI tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jirrikjedi li veterinarju jwettaq spezzjoni *ante-mortem* fil-każ ta' qtil b'emerġenza. Jenħtieġ li dak ir-rekwiżit jiġi emendat sabiex ikun konsistenti ma' dak l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624 u minflok jirreferi għall-veterinarju uffiċjali.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 1)

(5) It-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali huwa waħda mill-azzjonijiet proposti fl-Istrateġija tal-Kummissjoni "Mill-Għalqa sal-Platt" ([3]) għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod partikolari, hemm bidla fix-xejriet tal-konsum tal-laħam b'domanda dejjem tikber mill-Parlament Ewropew, mill-bdiewa u mill-konsumaturi, li jiġi awtorizzat il-qtil ta' ċerti ungulati domestiċi fl-azjenda li minnha jkunu ġejjin sabiex jiġi evitat tħassib possibbli dwar it-trattament xieraq tal-annimali waqt il-ġbir u t-trasport tagħhom.

(6) Minbarra l-qtil b'emerġenza, l-ungulati domestiċi huma meħtieġa li jinqatlu f'biċċerija approvata skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-iġjene stipulati fil-Kapitoli II u IV tas-Sezzjoni I tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu japprovaw biċċeriji mobbli skont dak l-Artikolu. Dawn il-faċilitajiet mobbli jistgħu jitqiegħdu fil-postijiet xierqa kollha, inklużi l-azjendi agrikoli, fejn jistgħu jinqatlu gruppi ta' annimali b'saħħithom. F'ċirkostanzi oħrajn, it-trasport ta' ċerti annimali jista' joħloq riskju għal min jimmaniġġahom jew għat-trattament xieraq tal-annimali. Għalhekk, jenħtieġ li l-qtil u l-iżvinar ikunu permessi fl-azjenda li minnha jkunu ġejjin għal għadd limitat ta' annimali bovini u porċini domestiċi u solipedi domestiċi. Tali prattika jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet stretti biex jinżamm livell għoli ta' sikurezza alimentari tal-laħam derivat minn tali annimal.

(7) Jenħtieġ li l-annimali bovini u porċini domestiċi u s-solipedi domestiċi maqtula fl-azjenda li minnha jkunu ġejjin jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffiċjali, li jiddikjara li r-rekwiżiti tal-iġjene għall-qtil jkunu ġew imħarsa. Tali ċertifikat uffiċjali huwa previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]).

(8) Fis-27 ta' Settembru 2018, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adottat it-tieni opinjoni xjentifika dwar l-approċċi tal-analiżi tal-perikli għal ċerti stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut żgħar u donazzjonijiet tal-ikel ([5]). Dik l-Opinjoni tirrakkomanda l-iffriżar fil-livell tal-bejgħ bl-imnut bħala għodda addizzjonali biex tiġi ggarantita r-ridistribuzzjoni sikura tal-ikel lil dawk fil-bżonn. Il-faċilitazzjoni ta' prattiki ta' donazzjoni tal-ikel mingħajr periklu tipprevjeni l-ħela tal-ikel u tikkontribwixxi għas-sigurtà alimentari, skont l-objettivi stipulati fl-istrateġija tal-Kummissjoni "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-għan ġenerali tagħha li tistabbilixxi sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-iffriżar tal-ikel jista' jkun mezz importanti biex tiġi żgurata r-ridistribuzzjoni sikura tiegħu mill-banek tal-ikel u minn organizzazzjonijiet tal-karità oħrajn. L-iffriżar tal-laħam bħalissa mhuwiex permess fil-każ ta' attività bejn il-bejjiegħa bl-imnut, minħabba li l-laħam maħsub għall-friża huwa meħtieġ li jiġi ffriżat mingħajr dewmien żejjed wara l-qtil jew it-tqattigħ f'konformità mal-punt 4 tal-Kapitolu VII tas-Sezzjoni I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, fir-rigward tal-annimali domestiċi u mal-punt 5 tal-Kapitolu V tas-Sezzjoni II ta' dak l-Anness fir-rigward tal-pollam u l-lagomorfi. Għalhekk, jenħtieġ li l-iffriżar tal-laħam ikun permess fil-każ ta' attività bejn il-bejjiegħa bl-imnut f'ċerti kundizzjonijiet biex tkun żgurata d-distribuzzjoni sikura għad-donazzjonijiet tal-ikel.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) iddefinixxa "veterinarju approvat". Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) ħassar ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 u ddefinixxa "veterinarju uffiċjali". Billi d-definizzjoni ta' "veterinarju uffiċjali" fir-Regolament (UE) 2017/625 tinkludi "veterinarju approvat", jenħtieġ li r-referenzi għal "veterinarju approvat" fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġu emendati biex jirreferu minflok għal "veterinarju uffiċjali"

([3]) https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/f2f_action-plan_2020_strategy-info_en.pdf

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE(ĠU L 442, 30.12.2020 p. 1)

([5]) EFSA Journal 2018; 16(11):5432

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206)

([7]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

(10) Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-iġjene għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam minn mammali tal-kaċċa taż-żewġ imrobbija stipulati fis-Sezzjoni III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplikaw biss għal-laħam minn *Cervidae* jew *Suidae*. Jenħtieġ li japplikaw ukoll rekwiżiti simili għal-laħam minn mammali tal-kaċċa taż-żewġ imrobbija, bħal-lama, sabiex jiġi evitat riskju possibbli għas-sikurezza alimentari minn bidliet fix-xejriet tal-konsum minħabba żieda fil-konsum ta' tali laħam.

(11) L-iġsma u l-vixxri tal-kaċċa selvaġġa kkaċċjata jistgħu jiġu ttrasportati lejn ċentru tal-ġbir u maħżuna fih qabel ma jiġu ttrasportati lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa. Jenħtieġ li jiġu introdotti regoli speċifiċi tal-iġjene dwar l-immaniġġjar u l-ħażna ta' dawn l-iġsma u l-vixxri f'tali ċentri tal-ġbir sabiex tiġi żgurata s-sikurezza alimentari ta' dak il-laħam billi jiġu emendati r-rekwiżiti tal-iġjene għall-kaċċa selvaġġa stipulati fis-Sezzjoni IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(12) Il-kaċċa selvaġġa jeħtieġ li tiġi ttrasportata mill-aktar fis possibbli lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa wara eżami minn persuna mħarrġa f'konformità mal-punt 3 tal-Kapitolu II tas-Sezzjoni IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fir-rigward ta' kaċċa selvaġġa kbira u mal-punt 3 tal-Kapitolu III ta' dik is-Sezzjoni fir-rigward ta' kaċċa selvaġġa żgħira sabiex it-tkessiħ ikun jista' jsir fi żmien raġonevoli wara l-qtil. Jenħtieġ li dak ir-rekwiżit japplika wkoll għall-kaċċa selvaġġa fejn ma jkun sar l-ebda eżami.

(13) Il-punt 3 tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi li kull meta operatur tan-negozju fl-ikel jittrasporta lott ta' molluski bivalvi ħajjin minn stabbiliment għall-ieħor, il-lott jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn dokument ta' reġistrazzjoni. Sabiex tiġi armonizzata l-informazzjoni meħtieġa mill-punt 4 tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell komuni tad-dokument ta' reġistrazzjoni għall-moviment tal-molluski bivalvi ħajjin minn stabbilimenti għall-ieħor. Barra minn hekk, hija prattika komuni li l-lottijiet tal-molluski bivalvi jistgħu jintbagħtu wkoll lill-operaturi intermedjarji, għalhekk, jenħtieġ li d-dokument ta' reġistrazzjoni jinkludi wkoll din il-possibbiltà.

(14) F'konformità mal-punt 1 tal-Parti A tal-Kapitolu IV tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-molluski bivalvi ħajjin għandhom jinħaslu b'ilma nadif, biex jitnaddfu mit-tajn u fdalijiet akkumulati qabel ma tibda t-tisfija. Madankollu, sabiex jiġi ffrankat l-ilma, jenħtieġ li l-ħasil ta' molluski bivalvi nodfa ma jkunx obbligatorju. Jenħtieġ li l-punt 1 tal-Parti A tal-Kapitolu IV tas-Sezzjoni VII jiġi mmodifikat kif xieraq.

(15) Molluski bivalvi ħajjin imqiegħda fis-suq ma jistax ikun fihom bijotossini marini li jeċċedu l-limiti stabbiliti fil-punt 2 tal-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. L-EFSA kkonkludiet fl-Opinjoni tagħha "Marine biotoxins in shellfish – Pectenotoxin group" ([8]) li ma hemmx rapporti ta' effetti avversi fil-bnedmin assoċjati ma' tossini tal-grupp ta' Pektenotossini (PTX). Barra minn hekk, il-PTX fil-frott tal-baħar bil-qoxra dejjem ikunu akkumpanjati minn tossini mill-grupp tal-aċidu Okadajku. Għalhekk, huwa xieraq li titħassar ir-referenza għal PTX mill-punt 2(c) tal-Kapitolu V tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(16) L-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat 2019/624 jistabbilixxi li l-klassifikazzjoni taż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski mhix meħtieġa b'rabta mal-ġbir ta' *holothuroidea* meta l-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali fuq tali annimali fi rkanti tal-ħut, ċentri ta' spedizzjoni u stabbilimenti tal-ipproċessar. Jenħtieġ li l-Kapitolu IX tas-Sezzjoni VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġi emendat sabiex jippermetti l-ġbir ta' *Holothuroidea* barra l-arji ta' produzzjoni u ta' riposizzjoni kklassifikati.

(17) Jenħtieġ li l-bastimenti jiġu ddisinjati u mibnija b'tali mod li ma jikkawżawx kontaminazzjoni tal-prodotti tas-sajd b'ilma tas-sentina, drenaġġ, duħħan, karburant, żejt, grass jew sustanzi oħrajn ta' ħsara. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-istivi, it-tankijiet jew il-kontenituri użati għall-ħażna, għat-tkessiħ jew għall-iffriżar tal-prodotti tas-sajd ma jintużawx għal skopijiet oħrajn għajr għall-ħażna tal-prodotti tas-sajd. Jenħtieġ li l-bastimenti friża u l-bastimenti reefer ikunu mgħammra b'tagħmir ta' ffriżar b'kapaċità suffiċjenti biex jiffriżaw kemm jista' jkun malajr fi proċess kontinwu u b'perjodu ta' waqfien termali kemm jista' jkun qasir, sabiex tinkiseb temperatura tal-qalba ta' mhux aktar minn -18 °C. Jenħtieġ li l-istivi tal-ħażna ma jintużawx għall-iffriżar tal-prodotti. Jenħtieġ li l-istess rekwiżiti għat-tagħmir tal-iffriżar u tal-ħażna japplikaw ukoll għall-imħażen tal-friża fuq l-art. Għalhekk, jenħtieġ li l-parti I tal-Kapitolu I u l-parti B tal-Kapitolu III tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġu emendati kif xieraq.

([8]) https://doi.org/10.2903/j.efsa.2009.1109

(18) Wara frodi reċenti fir-rigward ta' tonn inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta' -9 °C u destinat għall-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned, iżda ddevjat biex jiġi kkonsmat bħala prodotti tas-sajd friski, huwa xieraq li jiġi ċċarat fil-punt 7 tal-Parti II tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li prodotti tas-sajd sħaħ inizjalment iffriżati fis-salmura f'temperatura ta' -9 °C u destinati għall-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned, anki jekk iffriżati ulterjorment f'temperatura ta' -18 °C, ma għandux ikollhom destinazzjoni differenti mill-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned.

(19) Il-fwied u l-bajd ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem iridu jiġu ppreservati fis-silġ, f'temperatura qrib dik tas-silġ li qed idub, jew jiġu ffriżati. Huwa xieraq li jkun permess li l-fwied u l-bajd jinżammu wkoll fil-friġġ f'kundizzjonijiet differenti minn dawk fis-silġ, f'temperatura qrib dik tas-silġ li qed idub. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-punt 6 tal-Parti II tal-Kapitolu I tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġi emendat sabiex jippermetti li l-fwied u l-bajd tal-prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem ikunu jistgħu jitkessħu wkoll mhux biss fis-silġ, iżda f'kundizzjonijiet differenti ta' tkessiħ.

(20) Huwa xieraq li f'kontenituri użati għall-ispedizzjoni jew għall-ħażna ta' prodotti tas-sajd friski mħejjija u mhux ippakkjati maħżuna fis-silġ, jenħtieġ li l-ilma li jinħall ma jibqax f'kuntatt ma' kwalunkwe prodott tas-sajd. Huwa importanti, għal raġunijiet ta' iġjene, li jiġi ċċarat li l-ilma li jinħall mhux biss jenħtieġ li ma jibqax f'kuntatt ma' prodotti tas-sajd, iżda jenħtieġ li jitbattal. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-punt 4 tal-Parti A tal-Kapitolu III tas-Sezzjoni VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġi emendat sabiex jiġi ċċarat li l-ilma li jinħall mhux biss jenħtieġ li ma jibqax f'kuntatt ma' prodotti tas-sajd, iżda jenħtieġ li jitbattal.

(21) Ir-regoli speċifiċi tal-iġjene dwar il-koxox taż-żrinġijiet stipulati fis-Sezzjoni XI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 japplikaw biss għall-koxox taż-żrinġijiet tal-ispeċi RNA (il-familja Ranidae) f'konformità mad-definizzjoni tal-koxox taż-żrinġijiet stipulata fil-punt 6.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament. Ir-regoli speċifiċi tal-iġjene għall-bebbux f'dik is-Sezzjoni japplikaw biss għall-gasteropodi terrestri tal-ispeċijiet *Helix pomatia Linné*, *Helix aspersa Muller*, *Helix lucorum* u tal-ispeċijiet tal-familja *Achatinidae* f'konformità mad-definizzjoni tal-bebbux stipulata fil-punt 6.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Minħabba l-bidliet fid-drawwiet tal-ikel, il-koxox taż-żrinġijiet u l-bebbux ta' speċijiet oħrajn huma wkoll prodotti u mqiegħda fis-suq għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli speċifiċi tal-iġjene jiġu estiżi biex ikopru dawk l-ispeċijiet biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel idderivat minn dawn l-ispeċijiet.

(22) Is-Sezzjoni XII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi tat-temperatura għall-ħażna tal-qrieqeċ maħsuba għall-konsum mill-bniedem. L-iżviluppi teknoloġiċi ppermettew ċerti tekniki tal-imballaġġ, bħall-imballaġġ fil-vakwu, li għalihom, ir-rekwiżiti speċifiċi tat-temperatura mhumiex meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel idderivat mill-qrieqeċ. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet tat-temperatura jitħassru, filwaqt li jenħtieġ li l-operatur tan-negozju fl-ikel jiżgura s-sikurezza tal-ikel idderivat mill-qrieqeċ permezz ta' prattiki u proċeduri tal-iġjene tajba bbażati fuq il-prinċipji tal-Analiżi tal-Perikli u Punti Kritiċi ta' Kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

(23) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Is-Sezzjoni I hija emendata kif ġej:

(a) Il-Kapitolu IV huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 2(b)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) annimali maqtula fl-azjenda li minnha jkunu ġejjin f'konformità mal-Kapitolu VIa ta' din is-Sezzjoni jew f'konformità mal-punt 3 tas-Sezzjoni III;"

(ii) il-punt 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"18. Sakemm ma jkunx maħsub għall-użu bħala prodott sekondarju tal-annimali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *:

(a) l-istonkijiet iridu jinstamtu jew jitnaddfu; madankollu, meta jkunu maħsuba għall-produzzjoni tat-tames, l-istonkijiet:

(i) huma meħtieġa biss li jitbattlu fil-każ ta' annimali bovini ta' età żgħira

(ii) mhumiex meħtieġa li jitbattlu, jinstamtu jew jitnaddfu fil-każ ta' annimali ovini u kaprini ta' età żgħira;

(b) l-intestini jridu jitbattlu u jitnaddfu;

(c) l-irjus u s-saqajn iridu jinstelħu jew jinstamtu u jitneħħilhom ix-xagħar; madankollu, meta jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti, l-irjus viżibbilment nodfa, li ma jkunx fihom materjali ta' riskju speċifikati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **, u s-saqajn viżibbilment nodfa, maħsuba għall-ipproċessar fl-ikel, jistgħu jiġu ttrasportati lejn stabbiliment approvat u jinstelħu jew jinstamtu u jitneħħilhom ix-xagħar fih.

* Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

** Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1)."

(b) Il-Kapitolu VI huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Il-veterinarju uffiċjali jrid iwettaq l-ispezzjoni *ante-mortem* tal-annimal.

3. L-annimal maqtul u żvinat irid jinġarr sal-biċċerija iġjenikament u mingħajr dewmien bla bżonn. It-tneħħija tal-istonku u tal-intestini, iżda l-ebda tindif ieħor, jista' jsir fuq il-post, taħt is-sorveljanza tal-veterinarju uffiċjali. Il-vixxri li jitneħħew iridu jittieħdu mal-annimal maqtul sal-biċċerija u jiġu identifikati bħala li jappartjenu għal dak l-annimal."

(ii) il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Iċ-ċertifikat uffiċjali stabbilit fil-Kapitolu 5 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 * għandu jakkumpanja lill-annimal maqtul sal-biċċerija jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format.

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020 p. 1)."

(c) Jiddaħħal il-Kapitolu VIa li ġej wara l-Kapitolu VI:

"KAPITOLU VIa: QTIL FL-AZJENDA LI MINNHA JKUNU ĠEJJIN ANNIMALI BOVINI DOMESTIĊI, GĦAJR BIŻONTI, U ANNIMALI PORĊINI U SOLIPEDI DOMESTIĊI GĦAJR QTIL B'EMERĠENZA

Sa tliet annimali bovini domestiċi, għajr biżonti, jew sa sitt annimali porċini domestiċi jew sa tliet solipedi domestiċi jistgħu jinqatlu fl-istess okkażjoni fl-azjenda li minnha jkunu ġejjin, meta dan ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) l-annimali ma jistgħux jiġu ttrasportati lejn il-biċċerija, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju għal min jittratta magħhom u jiġi evitat kwalunkwe korriment tal-annimali waqt it-trasport;

(b) ikun hemm ftehim bejn il-biċċerija u s-sid tal-annimal maħsub għall-qtil; is-sid irid jinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwar dan il-ftehim;

(c) il-biċċerija jew is-sid tal-annimali maħsuba għall-qtil jridu jinformaw lill-veterinarju uffiċjali mill-inqas tlett ijiem qabel id-data u l-ħin tal-qtil maħsub tal-annimali;

(d) il-veterinarju uffiċjali li jwettaq l-ispezzjoni *ante-mortem* tal-annimal maħsub għall-qtil irid ikun preżenti fil-ħin tal-qtil;

(e) l-unità mobbli li għandha tintuża għall-iżvinar u t-trasport tal-annimali maqtula lejn il-biċċerija trid tippermetti l-immaniġġar u l-iżvinar iġjeniku tagħhom, u r-rimi xieraq tad-demm tagħhom, u trid tkun parti minn biċċerija approvata mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 4(2); madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti l-iżvinar barra mill-unità mobbli jekk id-demm ma jkunx maħsub għall-konsum mill-bniedem u l-qtil ma jseħħx f'żoni ristretti kif definit fl-Artikolu 4(41) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill * jew fi stabbilimenti li fihom jiġu applikati restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 u kwalunkwe att adottat abbażi tiegħu;

(f) l-annimali maqtula u żvinati jridu jiġu ttrasportati direttament lejn il-biċċerija b'mod iġjeniku u mingħajr dewmien bla bżonn; it-tneħħija tal-istonku u tal-intestini, iżda mhux tindif ieħor, tista' ssir fuq il-post, taħt is-sorveljanza tal-veterinarju uffiċjali; kwalunkwe vixxri li jitneħħew iridu jakkumpanjaw l-annimal maqtul fil-biċċerija u jiġu identifikati bħala li jappartjenu għal kull annimal individwali;

(g) jekk jgħaddu aktar minn sagħtejn bejn il-ħin tal-qtil tal-ewwel annimal u l-ħin tal-wasla tal-annimali maqtula fil-biċċerija, l-annimali maqtula jridu jitkessħu; fejn il-kundizzjonijiet klimatiċi jippermettu dan, it-tkessiħ attiv ma jkunx meħtieġ;

(h) is-sid tal-annimal irid jinforma lill-biċċerija minn qabel dwar il-ħin maħsub tal-wasla tal-annimali maqtula, li jridu jiġu maniġġati mingħajr dewmien bla bżonn wara l-wasla tagħhom fil-biċċerija;

(i) minbarra l-informazzjoni dwar il-katina alimentari li għandha tiġi ppreżentata f'konformità mas-Sezzjoni III tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, iċ-ċertifikat uffiċjali stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 irid jakkumpanja lill-annimali maqtula sal-biċċerija jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format.

* Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1)."

(d) Fil-Kapitolu VII, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-laħam maħsub għall-friża jrid jiġi ffriżat mingħajr dewmien bla bżonn, filwaqt li jitqies, fejn ikun meħtieġ, perjodu ta' stabbilizzazzjoni qabel l-iffriżar.

Madankollu, l-operaturi tan-negozji fl-ikel li jwettqu attività ta' bejgħ bl-imnut jistgħu jiffriżaw il-laħam fid-dawl tar-ridistribuzzjoni tiegħu għall-fini ta' donazzjonijiet ta' ikel f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) fil-każ ta' laħam li għalih tiġi applikata data "uża sa" f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *, qabel l-iskadenza ta' dik id-data;

(ii) mingħajr dewmien bla bżonn għal temperatura ta' -18 °C jew inqas;

(iii) jiżguraw li d-data tal-iffriżar tkun iddokumentata u pprovduta fuq it-tikketta jew b'mezzi oħrajn;

(iv) jeskludu laħam li jkun ġie ffriżat qabel (laħam iddifrostjat); u,

(v) f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata mill-awtoritajiet kompetenti għall-iffriżar u l-użu ulterjuri bħala ikel.

* Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18)."

(2) Is-Sezzjoni II hija emendata kif ġej:

(a) Fil-Kapitolu V, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-laħam maħsub għall-friża jrid jiġi ffriżat mingħajr dewmien bla bżonn.

Madankollu, l-operaturi tan-negozji fl-ikel li jwettqu attività ta' bejgħ bl-imnut jistgħu jiffriżaw il-laħam fid-dawl tar-ridistribuzzjoni tiegħu għall-fini ta' donazzjonijiet ta' ikel f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) fil-każ ta' laħam li għalih tiġi applikata data "uża sa" f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011, qabel l-iskadenza ta' dik id-data;

(ii) mingħajr dewmien bla bżonn għal temperatura ta' -18 °C jew inqas;

(iii) jiżguraw li d-data tal-iffriżar tkun iddokumentata u pprovduta fuq it-tikketta jew b'mezzi oħrajn;

(iv) jeskludu laħam li jkun ġie ffriżat qabel (laħam iddifrostjat); u,

(v) f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata mill-awtoritajiet kompetenti għall-iffriżar u l-użu ulterjuri bħala ikel."

(b) Il-Kapitolu VI huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 6 jitħassar;

(ii) il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Minbarra l-informazzjoni dwar il-katina alimentari li għandha tiġi ppreżentata f'konformità mas-Sezzjoni III tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, iċ-ċertifikat uffiċjali stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 għandu jakkumpanja lill-annimal maqtul għall-biċċerija jew għall-impjant tat-tqattigħ, jew jintbagħat minn qabel fi kwalunkwe format."

(3) Is-Sezzjoni III hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni I japplikaw għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam minn mammali tal-kaċċa taż-żewġ imrobbija, sakemm l-awtorità kompetenti ma tikkunsidrax li dawn mhumiex xierqa."

(b) il-punt 3(j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) iċ-ċertifikat uffiċjali stabbilit fil-Kapitolu 3 tal-Anness IV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, maħruġ u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali, li jiċċertifika li sar eżami *ante-mortem* b'riżultat favorevoli„ li l-qtil u l-iżvinar saru sewwa u d-data u l-ħin tal-qtil, jakkumpanja l-annimal maqtul sal-biċċerija jew ikun intbagħat minn qabel fi kwalunkwe format."

(4) Is-Sezzjoni IV hija emendata kif ġej:

(a) tiżdied is-sentenza introduttorja li ġejja:

"Għall-fini ta' din is-Sezzjoni, "ċentru ta' ġbir" ifisser stabbiliment li jintuża biex jinħażnu l-iġsma u l-vixxri tal-annimali tal-kaċċa selvaġġi qabel it-trasport tagħhom lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa."

(b) Il-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 4(ċ) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) Jekk m'hemml-ebda persuna mħarrġa disponibbli biex twettaq l-eżami msemmi fil-punt 2 f'każ partikolari, ir-ras, għajr għan-nejbiet, il-qrun imsaġġrin u l-qrun, u l-vixxri kollha, għajr għall-istonku u l-intestini, iridu jakkumpanjaw il-ġisem li jrid jiġi ttrasportat lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa mill-aktar fis possibbli wara l-qtil."

(ii) fil-punt 8(b), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tista' tintbagħat lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa fi Stat Membru ieħor biss jekk, waqt it-trasport lejn dak l-istabbiliment li jipproċessa l-kaċċa, ikun akkumpanjat minn ċertifikat uffiċjali stabbilit fil-Kapitolu 2 tal-Anness II għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 maħruġ u ffirmat minn veterinarju uffiċjali, li jiċċertifika li l-ħtiġiet stabbiliti fil-punt 4 ta' dan il-Kapitolu fir-rigward tad-disponibbiltà ta' dikjarazzjoni, meta rilevanti, u l-akkumpanjament tal-partijiet rilevanti tal-ġisem, ikunu ġew sodisfatti."

(iii) jiżdied il-punt 10 li ġej:

"10. L-iġsma u l-vixxri ta' kaċċa selvaġġa kbira jistgħu jiġu ttrasportati lejn ċentru ta' ġbir u maħżuna fih qabel ma jintbagħtu lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa, dment li:

(a) iċ-ċentru ta' ġbir ikun jew:

(1) irreġistrat mal-awtorità kompetenti bħala negozju tal-ikel li jwettaq il-produzzjoni primarja kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) meta jirċievi biss l-iġsma bħala l-ewwel ċentru ta' ġbir, jew inkella

(2) approvat mill-awtorità kompetenti bħala negozju tal-ikel f'konformità mal-Artikolu 4(2) meta jirċievi l-iġsma minn ċentri ta' ġbir oħrajn;

(b) jekk l-annimali jitneħħielhom il-ġewwieni, it-tagħbija tagħhom fuq xulxin hija pprojbita waqt it-trasport lejn iċ-ċentru ta' ġbir u l-ħażna tagħhom fih;

(c) l-annimali maqtula jiġu ttrasportati lejn iċ-ċentru ta' ġbir b'mod iġjeniku u mingħajr dewmien;

(d) jiġu mħarsa l-kundizzjonijiet tat-temperatura stipulati fil-punt 5;

(e) il-ħin tal-ħażna jinżamm għall-minimu possibbli;

(f) ma jsir l-ebda trattament ulterjuri fuq l-iġsma u l-vixxri tal-kaċċa selvaġġa kbira; madankollu, l-eżami minn persuna mħarrġa u t-tneħħija tal-vixxri jistgħu jsiru skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti 2, 3 u 4."

(c) Il-Kapitolu III huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3 Il-laħam tal-kaċċa selvaġġa żgħira jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk il-ġisem jiġi ttrasportat lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa mill-aktar fis possibbli wara l-eżami msemmi fil-punt 1 jew, jekk l-ebda persuna mħarrġa tkun disponibbli biex twettaq dak l-eżami f'każ partikolari, mill-aktar fis possibbli wara l-qtil".

(ii) jiżdied il-punt 8 li ġej:

"8. L-iġsma, inklużi l-vixxri, tal-kaċċa selvaġġa żgħira jistgħu jiġu ttrasportati lejn ċentru ta' ġbir u maħżuna fih qabel ma jintbagħtu lejn stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa, dment li:

(a) iċ-ċentru ta' ġbir ikun jew:

(1) irreġistrat mal-awtorità kompetenti bħala negozju tal-ikel li jwettaq il-produzzjoni primarja kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) meta jirċievi biss l-iġsma bħala l-ewwel ċentru ta' ġbir, jew inkella

(2) approvat mill-awtorità kompetenti bħala negozju tal-ikel f'konformità mal-Artikolu 4(2) meta jirċievi l-iġsma minn ċentri ta' ġbir oħrajn;

(b) jekk l-annimali jitneħħielhom il-ġewwieni, it-tagħbija tagħhom fuq xulxin hija pprojbita waqt it-trasport lejn iċ-ċentru ta' ġbir u l-ħażna tagħhom fih;

(c) l-annimali maqtula jiġu ttrasportati lejn iċ-ċentru ta' ġbir b'mod iġjeniku u mingħajr dewmien;

(d) jiġu mħarsa l-kundizzjonijiet tat-temperatura stipulati fil-punt 4;

(e) il-ħin tal-ħażna jinżamm għall-minimu possibbli;

(f) ma jsir l-ebda trattament ulterjuri fuq l-iġsma, inklużi l-vixxri, tal-kaċċa selvaġġa żgħira; madankollu, l-eżami minn persuna mħarrġa u t-tneħħija tal-vixxri jistgħu jsiru skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti 1 u 2."

(5) Is-Sezzjoni VII hija emendata kif ġej:

(a) Fil-parti introduttorja, jiddaħħal il-punt 1a li ġej:

"1a. Għall-finijiet ta' din is-Sezzjoni, "operatur intermedjarju" jfisser operatur tan-negozju fl-ikel, inklużi negozjanti, għajr l-ewwel fornitur, bi jew mingħajr bini, li jwettaq l-attivitajiet tiegħu bejn iż-żoni ta' produzzjoni, iż-żoni ta' żamma jew kwalunkwe stabbiliment."

(b) Il-Kapitolu I huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull meta operatur tan-negozju fl-ikel iċaqlaq lott ta' molluski bivalvi ħajjin bejn iż-żoni ta' produzzjoni, iż-żoni ta' żamma jew kwalunkwe stabbiliment, irid ikun hemm dokument ta' reġistrazzjoni li jakkumpanja l-lott."

(ii) fil-punt 4, jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) Meta jintbagħat lott ta' molluski bivalvi ħajjin minn operatur intermedjarju, irid ikun hemm dokument ta' reġistrazzjoni ġdid, li jimtela mill-operatur intermedjarju, li jakkumpanja l-lott. Id-dokument ta' reġistrazzjoni jrid ikun fih mill-inqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) u l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem u l-indirizz tal-operatur intermedjarju;

(ii) fil-każ ta' irfinatura jew fil-każ ta' immersjoni mill-ġdid għall-fini ta' ħażna, id-data tal-bidu, id-data tat-tmiem u l-post tal-irfinatura jew tal-immersjoni mill-ġdid;

(iii) jekk tkun twettqet irfinitura f'sit naturali, l-operatur intermedjarju jrid jikkonferma li s-sit naturali fejn tkun saret l-irfinatura kien ikklassifikat fil-ħin tal-irfinatura bħala arja ta' produzzjoni tal-klassi A miftuħa għall-ġbir;

(iv) jekk tkun twettqet immersjoni mill-ġdid f'sit naturali, l-operatur intermedjarju jrid jikkonferma li s-sit naturali fejn tkun saret l-immersjoni mill-ġdid kien ikklassifikat fil-ħin tal-immersjoni mill-ġdid bl-istess klassifikazzjoni tal-arja ta' produzzjoni fejn ikunu nħasdu l-molluski bivalvi ħajjin.

(v) jekk tkun twettqet immersjoni mill-ġdid fi stabbiliment, l-operatur intermedjarju jrid jikkonferma li l-istabbiliment kien approvat fil-ħin tal-immersjoni mill-ġdid. L-immersjoni mill-ġdid ma għandhiex tikkawża kontaminazzjoni addizzjonali lill-molluski bivalvi ħajjin.

(vi) fil-każ ta' raggruppament, l-ispeċi, id-data meta beda r-raggruppament, id-data tat-tmiem tar-raggruppament, l-istatus taż-żona fejn inġabru l-molluski bivalvi ħajjin, u l-lott tar-raggruppament, li dejjem ikun jikkonsisti mill-istess speċi, maqbuda fl-istess data, u fl-istess arja ta' produzzjoni."

(iii) jiżdiedu l-punti 8 u 9 li ġejjin:

"8. L-operaturi intermedjarji jridu jkunu:

(a) irreġistrati mal-awtorità kompetenti bħala negozju tal-ikel li jwettaq il-produzzjoni primarja kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) jekk ma jkollhomx bini jew jekk ikollhom bini fejn jittrattaw, jaħslu u jaħżnu biss molluski bivalvi ħajjin f'temperatura ambjentali, la b'raggruppament u lanqas b'irfinatura, jew

(b) approvati mill-awtorità kompetenti bħala operatur tan-negozju fl-ikel f'konformità mal-Artikolu 4(2) jekk, minbarra li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-punt (a), ikollhom maħżen imkessaħ jew jiġbru flimkien jew jaqsmu l-lottijiet ta' molluski bivalvi ħajjin jew iwettqu l-irfinatura jew l-immersjoni baxxa.

9. L-operaturi intermedjarji jistgħu jirċievu molluski bivalvi ħajjin minn żoni ta' produzzjoni kklassifikati bħala A, B jew Ċ, minn arja ta' riposizzjoni jew minn operaturi intermedjarji oħrajn. L-operaturi intermedjarji jistgħu jibagħtu molluski bivalvi ħajjin:

(a) minn arji ta' produzzjoni tal-klassi A lejn ċentri ta' spedizzjoni jew operatur intermedjarju ieħor;

(b) minn arji ta' produzzjoni tal-klassi B lejn ċentri ta' purifikazzjoni, stabbilimenti tal-ipproċessar jew operatur intermedjarju ieħor biss;

(c) minn arji ta' produzzjoni tal-klassi Ċ lejn stabbilimenti tal-ipproċessar jew operatur intermedjarju ieħor b'bini."

(c) Fil-Kapitolu IV, il-punt 1 tal-Parti A jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Qabel ma tibda l-purifikazzjoni, il-molluski bivalvi ħajjin iridu jkunu mnaddfa mit-tajn u fdalijiet akkumulati u jinħaslu, jekk ikun meħtieġ, billi jintuża ilma nadif."

(d) Fil-Kapitolu V, il-punt 2:

(a) il-punt (a) jiġi sostitwit bi: "(a) għall-velenu paralitiku tal-frott tal-baħar bil-qoxra (PSP), 800 mikrogramma ta' ekwivalenti ta' sassitossini diHCl għal kull kilogramma;"

(b) il-punt (c) jiġi sostitwit bi: "(ċ) għall-aċidu okadajku u d-dinofisistossini flimkien, 160 mikrogramma ta' ekwivalenti ta' aċidu okadajku għal kull kilogramma;"

(e) Il-Kapitolu IX huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU IX: ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI GĦALL-*PECTINIDAE*, IL-GASTEROPODI MARINI U L-*HOLOTHUROIDEA* (BUŻŻI) LI MHUMIEX ORGANIŻMI FILTRATURI MAĦSUDA BARRA MILL-ARJI TA' PRODUZZJONI KKLASSIFIKATI

L-operaturi tan-negozju fl-ikel li jiġbru l-*pectinidae*, il-gasteropodi marini u l-*holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi, barra mill-arji ta' produzzjoni kklassifikati jew li jittrattaw tali *pectinidae*, u/jew gasteropodi marini u/jew *holothuroidea* jridu jikkonformaw mal-ħtiġiet li ġejjin:

1. Il-*pectinidae*, il-gasteropodi marini u l-*holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi, ma jridux jitqiegħdu fis-suq sakemm dawn ma jkunux ġew miġbura u trattati f'konformità mal-Parti B tal-Kapitolu II u jissodisfaw l-istandards stipulati fil-Kapitolu V, kif muri minn sistema ta' awtokontrolli mill-operaturi tan-negozju fl-ikel li joperaw irkant tal-ħut, ċentru ta' spedizzjoni jew stabbiliment tal-ipproċessar;

2. Minbarra l-punt 1, meta d-*data* mill-programmi ta' monitoraġġ uffiċjali tippermetti lill-awtorità kompetenti li tikklassifika ż-żoni tas-sajd — fejn xieraq, b'kooperazzjoni mal-operaturi tan-negozju fl-ikel — id-dispożizzjonijiet tal-Parti A tal-Kapitolu II japplikaw b'analoġija għall-*pectinidae*;

3. Il-*pectinidae*, il-gasteropodi marini u l-*holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi, ma jridux jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem sakemm mhux permezz ta' rkant tal-ħut, ċentru ta' spedizzjoni jew stabbiliment tal-ipproċessar. Meta jittrattaw il-*pectinidae* u/jew tali gasteropodi marini, u/jew *holothuroidea*, l-operaturi tan-negozju fl-ikel li joperaw tali stabbilimenti jridu jinfurmaw lill-awtorità kompetenti u, fir-rigward taċ-ċentri ta' spedizzjoni, jikkonformaw mal-ħtiġiet rilevanti tal-Kapitoli III u IV;

4. L-operaturi tan-negozju fl-ikel li jittrattaw il-*pectinidae*, il-gasteropodi marini u l-*holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi, iridu jikkonformaw mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) mal-ħtiġiet dokumentarji tal-punti 3 sa 7 tal-Kapitolu I, fejn applikabbli. F'dan il-każ, id-dokument ta' reġistrazzjoni jrid jindika b'mod ċar il-post taż-żona, filwaqt li jindika s-sistema użata biex tiddeskrivi l-koordinati, fejn inġabru l-*pectinidae* ħajjin u/jew il-gasteropodi marini ħajjin u/jew il-*holothuroidea* ħajjin; jew

(b) mal-ħtiġiet tal-punt 2 tal-Kapitolu VI dwar l-għeluq tal-pakketti kollha ta' *pectinidae* ħajjin, ta' gasteropodi marini ħajjin u ta' *holothuroidea* ħajjin mibgħuta għall-bejgħ bl-imnut u l-Kapitolu VII dwar l-immarkar u t-tikkettar tal-identifikazzjoni."

(f) Jiżdied il-Kapitolu X li ġej:

"KAPITOLU X MUDELL TAD-DOKUMENT TA' REĠISTRAZZJONI TAL-MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN, TAL-EKINODERMI ĦAJJIN, TAT-TUNIKATI ĦAJJIN U TAL-GASTEROPODI MARINI ĦAJJIN

DOKUMENT TA' REĠISTRAZZJONI TAL-MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN, TAL-EKINODERMI ĦAJJIN, TAT-TUNIKATI ĦAJJIN U TAL-GASTEROPODI MARINI ĦAJJIN

Parti I – Fornitur

I.1 Numru ta' referenza tal-IMSOC	**I.2 Numru ta' referenza intern**
I.3 Fornitur Isem Indirizz Nru tar-Reġistrazzjoni jew tal-Approvazzjoni Pajjiż Kodiċi ISO tal-Pajjiż Attività	**I.4 Operatur tan-negozju fl-ikel riċeventi** Isem Indirizz Nru tar-Reġistrazzjoni jew tal-Approvazzjoni Pajjiż Kodiċi ISO tal-Pajjiż Attività
I.5 Deskrizzjoni tal-oġġetti Xtut Naturali **tal-Akkwakultura** • Il-kodiċi NM jew il-kodiċi 3-Alpha tal-FAO | speċi | kwantità | pakkett | lott | data tal-ġabra | data tal-bidu tal-irfinatura | data tat-tmiem tal-irfinatura | post tal-irfinatura | data tal-bidu tal-immersjoni mill-ġdid | data tat-tmiem tal-immersjoni mill-ġdid | post tal-immersjoni mill-ġdid | data tal-bidu tar-raggruppament | data tat-tmiem tar-raggruppament | arja ta' produzzjoni | l-istatus tas-saħħa inkluż, jekk applikabbli, il-ġabra f'konformità mal-Artikolu 62(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627	
I.6 Minn arja ta' riposizzjoni Iva Le Arja ta' riposizzjoni Tul ta' żmien tar-riposizzjoni Data tal-bidu Data tat-tmiem	**I.7 Minn ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni** Sala tal-irkant Iva Le **Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni jew tas-sala tal-irkant** **Data tad-dħul** **Data tal-ħruġ** **Tul tal-purifikazzjoni**
I.8 Mingħand operatur intermedjarju **Iva Le** **Isem** **Indirizz** **Nru tar-Reġistrazzjoni jew tal-Approvazzjoni** **Pajjiż** **Kodiċi ISO tal-pajjiż** **Attività** **Data tal-wasla** **Data tal-ħruġ**	
I.9 Dikjarazzjoni tal-fornitur Jiena, l-operatur tan-negozju fl-ikel sottoskritt responsabbli għall-ispedizzjoni tal-kunsinna niddikjara li, sa fejn naf u nemmen jien, l-informazzjoni pprovduta fil-Parti I ta' dan id-dokument hija vera u kompleta.	
Data Isem tal-firmatarju Firma	

Parti II – Operatur riċeventi

II.1 Numru ta' referenza intern (riċeventi)
II.2 Dikjarazzjoni tal-operatur tan-negozju fl-ikel riċeventi Jiena, l-operatur tan-negozju fl-ikel sottoskritt responsabbli għar-riċeviment tal-kunsinna niddikjara li l-kunsinna waslet fi [DATA] fil-bini tiegħi. Isem il-firmatarju Firma

Noti ta' spjegazzjoni

Kaxxa	Deskrizzjoni
	Parti I – Fornitur Din il-parti tad-dokument għandha timtela mill-operatur tan-negozju fl-ikel li jibgħat lott ta' molluski bivalvi ħajjin.
I.1	**Numru ta' referenza tal-IMSOC** Dan huwa l-kodiċi alfanumeriku uniku assenjat mill-IMSOC
I.2	**Numru ta' referenza intern** Din il-kaxxa tista' tintuża mill-operatur tan-negozju fl-ikel **tal-ispedizzjoni** biex jindika numru ta' referenza intern.
I.3	**Fornitur** Indika l-isem u l-indirizz, jiġifieri t-triq, il-belt u r-reġjun/il-provinċja/l-istat, kif xieraq), il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-istabbiliment tal-oriġini. Fil-każ tal-arji ta' produzzjoni, jekk jogħġbok indika l-arja bħala awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti (AK). Fil-każ ta' *pectinidae* ħajjin, ta' gasteropodi marini jew ta' *holothuroidea*, indika l-post fejn tinsab arja ta' ġbir. Fejn applikabbli, indika n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tal-istabbiliment. Indika l-attività (il-produtturi, iċ-ċentru ta' purifikazzjoni, iċ-ċentru ta' spedizzjoni, is-sala tal-irkant jew l-attivitajiet intermedjarji). Meta l-lott ta' molluski bivalvi ħajjin jintbagħat minn ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni, jew, fil-każ ta' *pectinidae*, ta' gasteropodi marini u ta' *holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi miġbura barra mill-arji ta' produzzjoni kklassifikati, mill-irkant tal-ħut, indika n-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz taċ-ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni jew l-irkant tal-ħut.
I.4	**Operatur tan-negozju fl-ikel riċeventi** Indika l-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u r-reġjun/il-provinċja/l-istat, kif xieraq), il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-istabbiliment tad-destinazzjoni. Fil-każ tal-arji ta' produzzjoni jew ta' risposizzjoni, jekk jogħġbok indika l-arja bħala awtorizzata mill-AK. Fejn applikabbli, indika n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni tal-istabbiliment u indika l-attività (il-produtturi, iċ-ċentru ta' purifikazzjoni, iċ-ċentru ta' spedizzjoni, l-istabbiliment tal-ipproċessar jew l-attivitajiet intermedjarji).
I.5	**Deskrizzjoni tal-oġġetti** Indika kif meħtieġ, il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda jew il-kodiċi 3-Alpha tal-FAO, l-ispeċi, il-kwantità, it-tip ta' imballaġġ (boroż, kwantitajiet kbar, eċċ.), il-lott, id-data tal-ġbir, id-data tal-bidu u t-tmiem tal-irfinatura (fejn applikabbli), il-post tal-irfinatura (indika l-klassifikazzjoni tal-arja ta' produzzjoni u l-post fejn tinsab jew in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment, meta applikabbli), id-data tal-bidu u tat-tmiem tal-immersjoni mill-ġdid (meta applikabbli), il-post tal-immersjoni mill-ġdid (indika l-klassifikazzjoni tal-arja ta' produzzjoni u l-post fejn tinsab jew in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment, meta applikabbli), id-data tal-bidu u tat-tmiem tar-raggruppament (meta applikabbli), l-arja ta' produzzjoni u l-istatus tas-saħħa tagħha (klassifikazzjoni tal-arja ta' produzzjoni, meta applikabbli). Meta l-LBMs ikunu nġabru f'konformità mal-Artikolu 62(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/627, dan għandu jiġi ddikjarat b'mod espliċitu. Meta jsir raggruppament ta' molluski bivalvi ħajjin, il-lott irid jirreferi għall-bivalvi tal-istess speċi, miġbura fl-istess jum u li jkunu ġejjin mill-istess arja ta' produzzjoni. Ħassar kif xieraq
I.6	**Minn arja ta' riposizzjoni** Meta l-lott ta' molluski bivalvi ħajjin jintbagħat minn arja ta' riposizzjoni, indika l-arja ta' riposizzjoni, kif awtorizzata mill-AK, u t-tul ta' żmien ta' riposizzjoni (data tal-bidu u tat-tmiem).
I.7	**Minn ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni jew irkant tal-ħut** Meta l-lott ta' molluski bivalvi ħajjin jintbagħat minn ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni, jew, fil-każ ta' *pectinidae*, ta' gasteropodi marini u ta' *holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi miġbura barra mill-arji ta' produzzjoni kklassifikati, miċ-ċentru tal-irkant, indika n-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz taċ-ċentru ta' purifikazzjoni/ta' spedizzjoni jew taċ-ċentru tal-irkant. Jekk mibgħut minn ċentru ta' purifikazzjoni, it-tul ta' żmien tal-purifikazzjoni u d-dati li fihom il-lott iddaħħal u telaq miċ-ċentru ta' purifikazzjoni. Ħassar kif xieraq

I.8	**Mingħand operatur intermedjarju** Indika l-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u r-reġjun/il-provinċja/l-istat, kif xieraq), il-pajjiż u l-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-operatur intermedjarju. Fejn applikabbli, indika n-numru tar-reġistrazzjoni jew tal-approvazzjoni u l-attività.
I.9	**Dikjarazzjoni tal-fornitur** Inkludi d-data, l-isem tal-firmatarju u l-firma.

Parti II – Operatur tan-negozju fl-ikel riċeventi

Din il-parti tad-dokument għandha timtela mill-operatur tan-negozju fl-ikel li jirċievi lott ta' molluski bivalvi ħajjin.

II.1	**Numru ta' referenza intern (riċeventi)** Din il-kaxxa tista' tintuża mill-operatur tan-negozju fl-ikel li jirċievi l-lott biex jindika numru ta' referenza intern.
II.2	**Dikjarazzjoni tal-operatur tan-negozju fl-ikel riċeventi** Indika d-data tal-wasla tal-lott tal-molluski bivalvi ħajjin fil-bini tal-operatur tan-negozju fl-ikel riċeventi. Fil-każ ta' operatur intermedjarju mingħajr bini, indika d-data tax-xiri tal-lott. Inkludi isem il-firmatarju u l-firma. "

(6) Is-Sezzjoni VIII hija emendata kif ġej:

(a) Il-Kapitolu I huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. il-bastimenti użati biex jinġabru prodotti tas-sajd mill-ambjent naturali tagħhom, jew biex jmmaniġġjawhom jew jipproċessawhom wara l-ġabra, u l-bastimenti reefer jikkonformaw mal-ħtiġiet strutturali u tat-tagħmir stipulati fil-Parti I; u"

(ii) Fil-Parti I.A, jiżdied il-punt 5 li ġej:

"5. Il-bastimenti jridu jiġu ddisinjati u mibnija b'tali mod li ma jikkawżawx kontaminazzjoni tal-prodotti tas-sajd b'ilma tas-sentina, dranaġġ, duħħan, karburant, żejt, grass jew sustanzi oħrajn ta' ħsara. L-istivi, it-tankijiet, jew il-kontenituri użati għall-ħażna, għat-tkessiħ jew għall-iffriżar ta' prodotti tas-sajd mhux protetti, inklużi dawk destinati għall-produzzjoni tal-għalf, ma għandhomx jintużaw għal finijiet oħrajn għajr il-ħażna, it-tkessiħ jew l-iffriżar ta' dawk il-prodotti, kif ukoll is-silġ jew is-salmura użati għal tali finijiet. Fil-każ ta' bastimenti reefer, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti tas-sajd mhux protetti japplikaw għall-prodotti kollha ttrasportati."

(iii) Fil-Parti I.C, il-punti 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. ikollhom tagħmir li jiffriża b'kapaċità suffiċjenti biex jiffriża kemm jista' jkun malajr fi proċess kontinwu u b'perjodu ta' waqfien termali kemm jista' jkun qasir, sabiex tintlaħaq temperatura fil-qalba ta' mhux aktar minn -18 °C;

2. ikollhom tagħmir ta' refriġerazzjoni b'kapaċità suffiċjenti biex iżommu il-prodotti tas-sajd fl-istivi tal-ħażna f'temperatura ta' mhux aktar minn -18 °C. L-istivi tal-ħażna ma għandhomx jintużaw għall-iffriżar, sakemm ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 1, u jridu jkunu mgħammra b'sistema ta' reġistrazzjoni tat-temperatura f'post fejn tista' tinqara faċilment. Is-sensur tat-temperatura tal-apparat li jaqra jrid ikun jinsab f'post fejn it-temperatura fl-istiva tkun l-ogħla;"

(iv) Fil-Parti I, jiżdied il-punt E li ġej:

"E. Ħtiġiet għall-bastimenti reefer

Il-bastimenti reefer li jittrasportaw u/jew jaħżnu prodotti tas-sajd iffriżati bl-ingrossa jrid ikollhom tagħmir li jissodisfa l-ħtiġiet għall-bastimenti tal-friża stipulati fil-punt 2 tal-parti Ċ dwar il-kapaċità tagħhom li jżommu t-temperatura."

(v) Fil-Parti II, il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta l-ħut jinqatagħlu rasu u/jew jitnaddaf abbord, dawn l-operazzjonijiet iridu jitwettqu iġenikament kemm jista' jkun malajr wara l-qbid, u l-prodotti tas-sajd iridu jinħaslu immedjatament. Il-vixxri u l-partijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa pubblika jridu jitneħħew kemm jista' jkun malajr u jinżammu apparti mill-prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Il-fwied u l-bajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem iridu jinżammu fil-friġġ jew jiġu ppreservati fis-silġ, f'temperatura qrib dik tas-silġ qed idub~~,~~ jew jiġu ffriżati."

(vi) fil-Parti II, il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Meta jiġi pprattikat l-iffriżar tal-ħut sħiħ fis-salmura għall-mili f'laned, trid tintlaħaq temperatura ta' mhux aktar minn -9 °C għall-prodott tas-sajd. Anki jekk wara jiġi ffriżat f'temperatura ta' -18 °C, il-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta' mhux aktar minn -9 °C irid ikun destinat għall-mili f'laned. Is-salmura ma għandhiex tkun sors ta' kontaminazzjoni għall-ħut."

(b) Il-Kapitolu III huwa emendat kif ġej:

(i) Fil-Parti A, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-konteni̇turi użati għall-ispedizzjoni jew għall-ħażna ta' prodotti tas-sajd friski ppreparati mhux ippakkjati maħżuna fis-silġ iridu jiżguraw li l-ilma li jinħall jitbattal u ma jibqax f'kuntatt ma' kwalunkwe prodotti tas-sajd."

(ii) Il-Parti B hija sostitwita b'din li ġejja:

"B. ~~Ħ~~TIĠIET GĦAL PRODOTTI FFRIŻATI

L-istabbilimenti fuq l-art li jiffriżaw jew jaħżnu l-prodotti tas-sajd iffriżati jrid ikollhom tagħmir, adattat għall-attività mwettqa, li jissodisfa l-ħtiġiet għall-bastimenti tal-friża stipulati fis-Sezzjoni VIII, il-Kapitolu I, il-parti I.C, il-punti 1 u 2."

(7) Fis-Sezzjoni XI, jiżdiedu l-punti 7 u 8 li ġejjin:

"7. Il-ħtiġiet stipulati fil-punti 1, 3, 4 u 6 japplikaw ukoll għal kwalunkwe bebbux ieħor tal-Familja ta' *Helicidae, Hygromiidae* jew *Sphincterochilidae*, meta maħsub għall-konsum mill-bniedem.

8. Il-ħtiġiet stipulati fil-punti minn 1 sa 5 japplikaw ukoll għall-koxox taż-żrinġijiet tal-ġeneru *Pelophylax* mill-Familja ta' *Ranidae*, u tal-ġeneru *Fejervarya*, *Limnonectes* u *Hoplobatrachus* mill-Familja ta' *Dicroglossidae*, meta maħsuba għall-konsum mill-bniedem."

(8) Fis-Sezzjoni XII, fil-Kapitolu II, jitħassar il-punt 5.